MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 12/2009

**Abdelaziz Dhaidi**

**vs**

**Bortex Clothing Industry Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Marzu, 2009, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> "Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni prezentata fir-registru tal-Qorti Superjuri datata 21 ta' Jannar 2008, biex tigi processata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.
>
> Is-Sur Abdelaziz Dhaidhi li minn issa jidher bhala l-Appellant kien assist mill-Avv. Owen Bonnici.

Ghas-Socjeta Bortex Clothing Industry Limited dehret Ms Carol Cassar Dougall assistita mill-Avv. Ramona Frendo.

Fl-istqarrija tal-Kaz l-Appellant jghid, illi huwa gie impjegat mas-Socjeta bhala Pattern Maker u dana permezz ta' kuntratt defenit b'sehh mill-4 ta' Gunju, 2007. L-Appellant ikompli jghid, li permezz ta' ittra datata 14 ta' Jannar 2008, il-Kuntratt tieghu gie tterminat bl-iskuza ta' restretturar u bl-iskuza li l-post is being abolished and consequently (the) job is being terminated due to redundancy.

L-Appellant jghid ukoll fl-istqarrija tal-kaz tieghu, li s-socjeta kienet ivvjoletat ir-regola ta' last in first out fil-klassi ta' l-impieg tieghu. Huwa jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, li ma kien veru xejn li l-Kumpanija kienet qed tirristruttura u dina kienet semplici skuza sabiex tittermina l-impieg tieghu.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent kien impjegat mas-Socjeta b'kuntratt defenit datat 9 ta' Marzu 2007, ghal perjodu massimu ta' hames snin, rinovabbli kull sena a xelta u d’deskrizzjoni tas-socjeta. Is-Socjeta tghid ukoll, illi fil-fatt irrizultat sitwazzjoni ta' redundancy fis-socjeta illi wasslet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent u dan kien qed jinghad ghal kull buon fini, u mhux ghaliex is-socjeta kien jinhtigiela b'xi mod li taghti gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' impieg b'kuntratt defenit. Is-Socjeta tghid ukoll, illi huwa ben rispaut illi min ihaddem persuna b'kuntratt defenit ghandu xelta illi jittermina l-impieg, a piena diskrezzjoni tieghu, purche' jirrispetta d-dettami ta' l-Artikolu 36(11) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta billi jhallas nofs il-paga ghall-perjodu rimanenti ta' l-impieg u fil-kaz odjern sat-8 ta' Marzu 2008 kif fil-fatt ghamlet is-Socjeta.

Is-Socjeta taghlaq l-istqarrija tal-Kaz taghha billi tghid; (1) Illi r-rikorrent kien impjegat b'kuntratt defenit u ghalhekk l-impieg tieghu seta’ jigi terminat fi kwalunkwe stadju, minghajr ma tinghata ebda raguni. (2) Illi l-uniku kumpens, f’din is-sitwazzjoni li kien intitolat ghalih ir-rikorent huwa dak dovut ai termini ta' l-Artikolu 36(11) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, liema kumpens gie pienament imhallas lir-rikorrent (3) illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent huma assolutament ingustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispjejjez kontra l-istess rikorrenti.

Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien gie mpjegat b'kuntratt defenit datat 9 ta' Marzu 2007 fil-grad ta' pattern maker. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrent hadem f’dan il-grad fid-dipartiment tan-nisa u l-impieg tieghu gie tterminat permezz ta' ittra datata 14 ta' Jannar, 2008 ghar-raguni li l-Kumpanija kienet ghaddejja minn zminijiet difficcli b'rizultat li tterminat l-impieg tal-haddiema li kienu qed jahdmu f’dan id-dipartiment. Mill-provi jirrizulta wkoll li l-appellant jghid li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret b'mod ingust peress li f’dak iz-zmien kien ghadu jopera d-dipartiment tal-hwejjeg ta' l-irgiel u kien hemm haddiem li kien jahdem fil-grad ta' pattern maker, li kien gie mpjegat warajh. Mill-provi jirrizulta wkoll, li fl-istruttura tal-Kumpanija kien hemm diversi dipartimenti fosthom dipartment li jittratta x-xoghol tal-hwejjeg tan-nisa u dipartiment iehor li jittratta ix-xoghol tal-hwejjeg ta' l-irgiel. Mid-diversi xhieda jirrizulta li jinhtieg specjalizazzjoni fis-sengha biex wiehed jahdem fuq xoghol tal-hwejjeg tan-nisa, kif ukoll jinhtieg li wiehed ikun specjalizzat biex jahdem fuq hwejjeg ta' l-irgiel. Mill-provi jirrizulta wkoll li din kienet ir-raguni li l-Kumpanija kellha zewg dipartimenti differenti li f’wiehed isir ix-xoghol tal-hwejjeg tan-nisa u f’iehor isir ix-xoghol tal-hwejjeg ta' l-irgiel u li kieku ma kienx hemm din l-ispecjalizazzjoni ma kienx ikun hemm ghalfejn li l-Kumpanija jkollha zewg dipartiment distinti minn xulxin.

Rigward it-terminu tal-Kuntratt tax-xoghol ta' l-appellant, mill-provi jirrizulta li fil-waqt li s-Socjeta tghid li l-kuntratt kien rinovibbli kull sena ghal perjodu ta' massimu ta' hames snin, l-appellant jghid li l-kuntratt tieghu kien ta' hames snin u wara dawn il-hames snin jiggedded ghal sena. Rigward dan l-aspett tat-terminu ta' l-impieg, it-Tribunal Industrijali sema’ diversi provi inkluz li ezamina l-klawsola tat-terminu tal-Kuntratt tax-xoghol li tghid; This agreement is valid for a period of 5 years, renewable each year at the company's discretion.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa dak jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant saritx bi ksur tal-ligi. Ghaldaqstant, f’dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-aspett tat-talba ta' l-appellant li peress li kien hemm haddiem iehor li kien jissejjah bl-istess nomenklatura ma kienx imiss lilu li jigi tterminat l-impieg tieghu. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-aspett li ghalkemm iz-zewg haddiema kienu jissejjhu bl-istess nomenklatura pero x-xoghol taghhom kien distint wiehed mill-iehor bi specjalizzjoni differenti. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li matul iz-zmien li l-appellant dam fl-impieg mas-Socjeta, peress li x-xoghol kien specjalizzat huwa qatt ma hadem fuq xoghol iehor ghajr dak fuq patterns ta' xoghol tal-hwejjeg tan-nisa u biex jahdem fuq xoghol tal-hwejjeg fid-dipartiment ta' l-irgiel kien jinhtieg li jkuu specjalizzat f’dak il-qasam.

It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll it-talba ta' l-appellant li l-kuntratt tieghu kien ta' hames snin. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ezamina l-kuntratt tar-rikorrent u t-Tribunal Industrijali hu tal-fehema li jidher car, illi l-kuntratt tax-Xoghol jiskadi kull sena u dan ghar-raguni li kull sena jrid jiggedded mill-Kumpanija.

> Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatement of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjoni tieghu citati hawn, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ma saritx bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li l-kuntratt ta' l-appellant kien jiggedded kull sena u ghaldaqstant, m'hemm xejn dovut mill-Kumpanija lill-appellant peress l-Kumpanija diga hallset dak kollu li kien dovut lilu.
>
> It-Tribunal Industrijali jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' E93.18.
>
> B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**”**

L-appell tar-rirkorrenti minn din is-sentenza hu cirkoskritt ghal dan l-aggravju. In bazi ghall-principju *last in, first out*, la darba kien hemm fl-azjenda *pattern maker* iehor li dahal warajh fl-impjieg kellu jkun dan li jisfa *redundant* u mhux hu. Izid jissottometti illi fil-generalita tal-kategorija l-ispecjalizzazzjoni ghal liema jirreferi t-Tribunal fis-sentenza ma huwiex kriterju gust;

Kontra dan l-appell is-socjeta` intimata tavvanza diversi eccezzjonijiet ta’ indoli procedurali, u cjoe li:-

(1) L-appell gie prezentat *fuori termine*;

(2) L-appellanti naqas li jaghti ragunijiet dettaljati ghaliex hassu aggravat bis-sentenza attakkata izda illimita ruhu biex jirriproduci *sic et simpliciter* it-talbiet minnu originarjament sottomessi ghall-attenzjoni tat-Tribunal;

(3) L-appell mhux bazat fuq “punt ta’ ligi” ai termini ta’ l-Artikolu 82 (2) tal-Kapitolu 452 izda hu wiehed

merament marbut ma' l-interpretazzjoni tal-fatti li taw lok ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg;

Is-socjeta` appellata tressaq ukoll sottomissjoni rigwardanti l-mertu ta' l-appell izda, sew logiku, sew guridiku, dawn l-istess sottomissjonijiet jimmeritaw se mai konsiderazzjoni aktar 'il quddiem una volta jkun determinat illi l-predetti eccezzjonijiet ma jirrizultawx gustifikati;

Hi disposizzjoni esplicita ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) illi fil-kaz ta' tkeccija minghajr kawza gusta u dawk tal-kwestjonijiet l-ohra ghal-liema l-Artikolu 75 (1) (a) u (b) jattira l-gurisdizzjoni tat-Tribunal, l-appell lil din il-Qorti ghandu jigi pprezentat mhux aktar tard minn tnax-il gurnata mid-data tad-decizjoni tat-Tribunal;

Huwa minn dan evidenti illi, bhal fil-kaz tat-termini l-ohra ta' l-appell taht id-diversi ligijiet, it-terminu ta' tnax-il gurnata hawn prospetat hu wiehed perentorju, inkwadrat taht l-istatut generali tad-dekadenza, b'mod li l-istess terminu jghaddi ghall-fatt materjali tad-dekors taz-zmien iffissat mil-ligi. Dan bla possibilita ta' proroga, sospensjoni jew ta' l-interruzzjoni tieghu. Hu biss eccezzjonalment u fil-kazijiet espressi prevvisti mil-ligi illi t-terminu jista' jigi prorogat, ad ezempju, skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 1076 Kodici Civili u l-Artikolu 109 Kapitolu 12, meta l-gurnata ta' l-iskadenza tieghu tkun wahda ta' rikorrenza ta' vakanza pubblika. Hekk inghad illi "fil-kaz ta' terminu b'granet korrenti, meta l-ahhar gurnata tinzerta li mhix gurnata tax-xoghol allura t-terminu jaghlaq fl-ewwel gurnata tax-xoghol li jkun imiss, u fil-hin li jaghlaq ir-Registru". Ara "**AIC Joseph Xuereb *nomine* -vs- Dolores Degabriele**", Appell Civili, 14 ta' Mejju, 1993;

Dan premess, fil-kaz in ezami jirrizulta mill-atti illi s-sentenza appellata nghatat mit-Tribunal fit-12 ta' Marzu,

2009. Invece, l-appell gie intavolat fil-25 ta' Marzu, 2009, jigifieri tlettax-il gurnata wara l-pronunzjament tas-sentenza. Jikkonsegwi illi, gjaladarba l-ahhar gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu ta' l-appell kellha proprjament tkun l-24 ta' Marzu, 2009, u gjaladarba wkoll din il-gurnata lanqas ma kienet wahda ta' vakanza pubblika, l-appell gie f'dan il-kaz ipprezentat oltre z-zmien statutorju ta' tnax-il gurnata u ghandu, konsegwentement, jitqies tardiv;

Intqal minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet "**Joseph Camilleri -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni**" (Appell Numru 14/06), 9 ta' Mejju, 2007, illi "kif saput it-terminu stabbilit hu wiehed fatali u ma jistax jigi sanat b'xi re-integranda. L-appellanti kellu jissodisfa din l-esigenza procedurali skond il-vot tal-ligi u la dan ma ghamlux, l-appell tieghu ma jistax hlief jitqies irremedjabilment irritwali. Tabilhaqq, ikollu jinghad b'ripetizzjoni, illi '*of course the fact that the delay was only of one day cannot unfortunately for the appellant help* him' ("**A.B. -vs- Commissioner of Inland Revenue**", Kaz Numru 85, Appell, 5 ta' Marzu, 1971)". Dan li nghad f'din is-silta jghodd ugwalment ghall-fattispeci ta' l-appell prezenti;

Jekk trid, din il-Qorti tista' tieqaf hawn ghaliex in-nuqqas ta' l-osservanza tat-terminu preskritt jirrendi awtomatikament l-improcedibilita` ta' l-appell. Anke ghall-importanza taghha l-Qorti thossha pero` fid-dmir li taghmel xi kummenti fil-qosor dwar it-tieni eccezzjoni sottomessa mis-socjeta` appellata;

Id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 143 (1) tal-Kapitolu 12 li tirrikjedi "riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata flimkien ma' ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qieghed isir l-appell", timplika illi l-appellanti hu fid-dover li jindividwa l-punti tal-gravami tieghu u dik tac-censuri specifici li l-appellanti jintendi jressaq lill-Qorti tat-tieni grad fil-konfront tar-ragonament tat-tribunal ta' l-ewwel istanza. Ma jitqiesx sufficjenti u skond il-ligi illi l-

appellanti jillimita ruhu ghar-ripetizzjoni tat-talba tieghu kif ifformulata quddiem it-Tribunal jew ghal riproduzzjoni bi kliem iehor tan-Nota ta' l-Osservazzjonijiet izda ghandu ghal kuntrarju iressaq aggravji li jirrelataw ma', u jemergu minn, konsiderandi tas-sentenza appellata. Ara f'dan l-istess sens id-decizjoni in re: "**Lino Debono -vs- Avv. Toni Abela LL.D.**", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000. Naturalment, l-individwazzjoni tal-punti ta' kritika m'ghandhiex ghalfejn tikkonsisti f'enuncjazzjoni rigoruza u formalistika jew l-adoperu ta' xi skema partikulari imma jibbasta illi ghas-sostenn ta' l-appell tinghata esposizzjoni cara u univoka tal-motivi dettaljati kontrastanti s-sentenza. Jekk anke dan il-minimu ma jigix osservat l-appell ma jistax hlief jitqies inammissibbli;

Ipprecizat dan, ghal skop ta' kjarezza fuq il-punt imqanqal, din il-Qorti ma ssibx raguni biex tkompli tiddibatti l-appell in vista tal-pregudizzjali sottoposta tat-tardivita` ta' l-appell li qed tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jitqies irritu u null ghaliex prezentat tardivament, bl-ispejjez tieghu sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------